**25 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmen Tabone Reale

## Sentenza - Nuqqas ta' indikazzjoni ta' l-artikoli tal-liġi - Liberazzjoni taħt kondizzjoni - Ordni tal-Qorti - Artikolu 338 (jj) tal-Kodiċi Kriminali - Raġuni xierqa

*In-nuqqas ta' wieħed mir-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalità sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 ta' l-imsemmi kodiċi.*

*Qabel ma tagħmel ordni għal-liberazzjoni taħt kundizzjoni, il-Qorti għandha tfisser lill-ħati bi kliem ċar illi jekk jagħmel reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat oriġinali.*

*Biex provvediment jammonta għal "ordni" ta' Qorti ma hemmx għalfejn li dak l-istess provvediment ikun preċedut bil-verb "tordna". Meta Qorti tipprovdi dwar il-kustodja tat-tfal u tagħti d-dritt lil xi parti jew oħra għal aċċess għal dawk it-tfal, dak id-dritt u l-obbligu, korrispondenti ta' min ikollu l-kustodja tat-tfal li jagħti aċċess lill-parti l-oħra, isibu l-oriġini tagħhom f'dak il-provvediment li huwa, min-natura tiegħu, ordni ta' dik il-Qorti.*

*Biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa għala persuna tkun irrifjutat li tagħti aċċess ordnat minn Qorti, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha, inkluż l-interess li l-ordnijiet ta' Qorti jiġu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Carmen Tabone Reale

talli fl-14 ta' Mejju, 1994 għall-ħabta tas-2 p.m. f'dawn il-gżejjer, naqset li tobdi l-ordnijiet mogħtija lilha mis-sekond' Awla tal-Qorti Ċivili billi ċaħdet lil żewġha Anthony Tabone mid-dritt għall-aċċess għal bintu minuri u ċjoè Maria Tabone kif hemm fit-termini tad-digriet numru 417/94 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili; dik il-Qorti kienet mitluba li minbarra l-piena applikabbli rigward id-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti tikkundanna lill-istess Carmen Tabone Reale " dik il-piena applikabbli xierqa w opportuna'' (**sic.**);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' Mejju, 1994 li biha dik il-Qorti, wara li sabet lill-imputata "teknikament ħatja'', ikkundannata "l-artikolu 9 tal-Kap. 152 għal perijodu ta' ġimgħatejn'' u ordnatilha li minnufih tobdi l-ordni li hemm fid-Digriet numru 417/94 tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Carmen Tabone Reale, minnha ppreżentat fit-3 ta' Ġunju, 1994, li bih talbet ir-revoka tas-sentenza hawn aktar 'l fuq imsemmija u konsegwentement il-liberazzjoni tagħha minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hi nulla minħabba l-fatt li l-istess sentenza imkien ma ssemmi l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat li tiegħu nstabet

ħatja. Dan l-aggravju hu fondat. In-nuqqas ta' wieħed mir-rekwiżiti imsemmija fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalità sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 ta' l-imsemmi Kodiċi. Il-Qorti għal kull buon fini tosserva ukoll, u dan independentement mill-aggravju ssollevat mill-appellanti, li l-espressjoni użata mill-ewwel Qorti fil-paragrafu finali tas-sentenza, ċjoè "Tikkundannha l-artikolu 9 tal-Kap. 152 għall-perijodu ta' ġimgħatejn", bir-rispett kollu ma tagħmilx sens. Presumibbilment dik il-Qorti riedet tordna l-liberazzjoni ta' l-imputata skond id-dispożizzjoni ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li din ma tagħmilx reat fi żmien ġimgħatejn mid-data ta' l-ordni, però tali ordni ta' liberazzjoni, taħt kondizzjoni jirrikjedi ukoll li mis-sentenza jkun jirriżulta dak ipprovdut fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 9, u ċjoè li qabel ma tagħmel ordni għal-liberazzjoni taħt kondizzjoni l-Qorti għandha tfisser lill-ħati bi kliem ċar illi jekk jagħmel reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni jkun jista' jiġi kkundannat għar-reat oriġinali. Apparti dan kollu, però, l-aggravju ta' l-appellanti minħabba n-nuqqas ta' indikazzjoni ta' l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat qed jiġi akkolt, u konsegwentement din il-Qorti qed tħassar is-sentenza appellata u ser tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża mill-ġdid fuq il-meritu;

Kwantu għall-meritu, il-fatti li jirriżultaw huma s-segwenti: permezz tal-legali tagħha, l-appellanti intavolat rikors quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tkun tista' tipproċedi għas-separazzjoni personali minn ma' żewġha. Fil-ġurnata tas-smigħ tar-rikors, kemm l-appellanti kif ukoll żewġha Anthony Tabone, dehru quddiem l-imħallef tas-Sekond' Awla. L-appellanti kienet assistita minn avukata. Jirriżulta li waqt l-udjenza, saret xi referenza mil-legali ta' l-appellanti għall-ħtieġa ta' psikjatra, presumibbilment biex jeżamina lil Anthony Tabone, però ma jirriżultax li l-appellanti baqgħet tinsisti fuq din il-linja.

Bid-digriet tagħha numru 417/94 tat-12 ta' Mejju, 1994 dik l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-appellanti tipproċedi għas-separazzjoni personali, fdatilha l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri ta' tmintax-il xahar, salv id-dritt ta' aċċess għal din il-minuri ta' żewġha Anthony Tabone skond il-modalitajiet li stabbiliet l-istess Qorti, u ċjoè li t-tarbija kellha tittieħed minn ommha nhar ta' Tlieta, Ħamis u Sibt f'ħin wara nofs in-nhar fid-dar ta' l-imsemmi Anthony Tabone u ommha tibqa' magħha hemmhekk għall-perijodu ta' dana l-aċċess. Appena l-avukat ta' l-appellanti - ċjoè mhux l-istess avukata li kienet dehret għall-appellanti quddiem is-Sekond' Awla - ra - d-digriet, peress li kien infurmat preċedentement, anke qabel ma ġie intavolat ir-rikors fis-Sekond' Awla, mill-klijenta tiegħu dwar il-possibilita' ta' mard mentali ta' żewġha u li dan kellu fissazzjoni li xi ħadd jista' joqtlu billi jmisslu għonqu, hu ta parir lill-appellanti sabiex ma tiħux it-tarbija għand żewġha fil-ħinijiet indikati fid-digriet tas-Sekond' Awla, għax deherlu li qabel ma tagħmel hekk dik il-Qorti kellha taħtar psikjatra biex jeżamina lir-raġel tagħha. Erbat ijiem wara l-ewwel digriet, ċjoe' fis-16 ta' Mejju, 1994, l-appellanti intavolat rikors ieħor fis-sekond' Awla għall-varjazzjoni ta' l-ewwel digriet, liema tieni rikors ġie finalment iddekretat minn dik il-Qorti fit-30 ta' Ġunju, 1994. U f'dan it-tieni digriet dik il-Qorti, apparti li nnominat psikjatra biex jeżamina lir-raġel ta' l-appellanti, ordnat li l-aċċess għat-tarbija minn Anthony Tabone isir għand il-Kappillan tal-Furjana. Ġara għalhekk li fl-14 ta' Mejju, 1994, li kienet ġurnata tas-Sibt u li kienet ukoll l-ewwel ġurnata, wara l-ewwel digriet tas-Sekond' Awla, li Anthony Tabone kellu d-dritt ta' aċċess għal bintu minuri, l-appellanti, għar-raġunijiet fuq spjegati, ma ħaditx lit-tifla għandu;

Din il-Qorti irrikapitolat il-fatti ta'dan il-każ b'ċertu dettal peress li dan jidher li hu jekk mhux l-ewwel ċertament wieħed

minn ta' l-ewwel każijiet li ġew quddiemha fuq akkuża taħt il-paragrfu (jj) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali, miżjud bl- Att XXI ta' l-1993 b'effett mill-1 ta' Diċembru tas-sena l-oħra. B'dan il-paragrafu, ikun ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull minn "meta ordnat jew ordnata mill-Qorti biex jagħti jew tagħti aċċess lill-wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa";

L-appellanti tikkontendi li dik il-parti tad-digriet numru 417/94 li biha żewġha ngħata d-dritt ta' aċċess għat-tarbija skond il-modalitajiet indikati fl-istess digriet ma tammontax għal "ordni tal-Qorti" fis-sens tal-paragrafu preċitat. Hi tikkontendi li l-ordni kienet tirrigwarda biss il-kura u l-kustodja tal-minuri, aktar u aktar meta żewġha ma kien għamel ebda talba sabiex il-Qorti takkordalu d-dritt ta' aċċess. Tikkontendi li dik il-parti tad-digriet rigwardanti l-aċċess ta' żewgħa għall-minuri hi sempliċi "istruzzjoni tal-Qorti lill-partijiet" u mhux "ordni" (jew kif ġie mfisser fit-trattazzjoni orali, "ordinanza") tal-Qorti;

Frankament din il-Qorti ma tifhimx dana l-argument li jidher li hu bbażat aktar fuq sofiżmi milli fuq interpretazzjoni korretta u raġjonevoli tal-paragrafu tal-Kodiċi Kriminali in kwistjoni. Biex provvediment jammonta għal "ordni" ta' Qorti ma hemmx għalfejn li dak l-istess provvediment ikun preċedut bil-verb "tordna". Meta Qorti tipprovdi dwar il-kustodja tat-tfal u tagħti d-dritt lil xi parti jew oħra għal aċċess għal dawk it-tfal, dak id-dritt u l-obbligu korrispondenti ta' min ikollu l-kustodja tat-tfal li jagħti aċċess ("*to allow access*", fit-test Ingliż) lill-parti l-oħra, isibu l-oriġini tagħhom f'dak il-provvediment li huwa, min-natura tiegħu, ordni ta' dik il-Qorti. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint;

Jibqa' biex jiġi deċiż jekk l-appellanti kellhiex raġuni xierqa ("*just cause*", fit-test Ingliż) biex tirrifjuta li tagħti dak l-aċċess lil żewgha. Hi tikkontendi li l-fatt li kienet qed tobdi ordni ta' l-avukat tagħha (ara r-rikors ta' l-appell, paġna 2, l-aħħar paragrafu) minħabba l-biża' mill-istat mentali ta' żewgha li seta' jikkaġuna dannu lill-minuri jammonta għal tali raġuni xierqa. Kif ġie spjegat fil-każ Kanadiż **R. v. Arthurs, ex p. Port Arthur Shipbuilding Co.** (1967) 1 Ontario Reports 272 " '*Just cause' does not mean the same as 'proper cause'; 'proper' meaning only 'fit, apt, suitable,' whereas 'just' has a wider meaning involving equitable considerations*". Għalhekk biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa, u speċjalment fil-kamp penali, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha, inkluż l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jiġu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest. Ċertament l-ordni ta' l-avukat ta' l-appellanti fih innifsu u waħdu ma jammontax għal tali raġuni. Il-Qorti ser tagħmel biss referenza għall-artikolu 48 tal-Kodiċi Kriminali u tieqaf hemm. Kwantu għall-biża' li l-appellanti seta' kellha minħabba l-allegat mard mentali ta' żewġha, din il-Qorti tosserva li għalkemm l-appellanti kellha l-opportunita' kollha li tivventila dina l-biża' tagħha fl-udjenza quddiem is-Sekond'Awla, u meta kellha assistenza legali, dana ma jidhirx li għamlitu. Id-digriet ingħata fis-16 ta' Mejju, 1994, li kienet ġurnata tal-Ħamis. Setgħet dik il-ġurnata stess, jew l-għada jew anke is-Sibt filgħodu ppresentat rikors b'urġenza quddiem is-Sekond' Awla, jekk verament kienet tant preokkupata mis-saħħa mentali ta' żewgha, iżda l-appellanti għazlet minflok li tinjora l-ordni tas-Sekond' Awla sakemm jiġi ddekratat it-tieni rikors tagħha (li ma jirriżultax li sar b'urġenza) li ġie intavolat biss fis-16 ta' Mejju, ċjoè nhar it-Tnejn ta' wara. Il-Qorti ma tiddubitax li kemm l-appellanti kif ukoll l-avukat tagħha kienu motivati minn intenzjonijiet tajba, però l-intenzjonijiet pjji waħedhom ma jistgħux jeżimu mir-

responsabbilità penali speċjalment meta hawnhekk *si tratta* ta' kontravvenzjoni;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti issib lil Carmen Tabone Reale ħatja talli fl-14 ta' Mejju, 1994 għall-ħabta tas-2.00 p.m. naqset milli tobdi l-ordini mogħti lilha mis-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili billi ċaħdet lil żewġha Anthony Tabone mid-dritt għal aċċess għal bintu minuri kif kien hemm fit-termini tad-digriet numru 417/94 ta' dik il-Qorti, u wara li rat l-artikolu 338 (jj) tal-Kodiċi Kriminali u ħadet in konsiderazzjon iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tikkundannaha għal ammenda ta' ħames liri (Lm5);

Il-Qorti fl-aħħarnett tirrakkomanda lill-istampa u lill-mezzi tax-xandir biex, jekk jirraportaw dina s-sentenza, ma jsemmux l-ismijiet ta' l-appellanti u ta' żewġha, jew jindikawhom biss permezz ta' l-inizjali.